MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Numru. 378/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Glen Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glen Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 281675(M).

Akkuzat talli nhar is-17 ta' April 2015 ghall-habta tal-10.45 ta' filghodu fil-fond 56, Triq Reggie Miller, Gzira:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema serq, kiku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur *u dan bi ksur ta' Artikolu 41(a), 261(b)(f), 263(a)(b), 270, 278(2) ta' Kaptilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. Aktsr talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricetazzjoni, instabu fil-pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbn ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien *u dan bi ksur ta' Artiklu 287 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' David Cauchi skont kif icertifika Dr Mark Brincat reg no 5501 ta' Centru tas-Sahha tal-Gzira;
4. Ghamel delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija nhar it-3 ta' Lulju 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) limea sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
5. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Carol Peralta LL.D.), mid-digriet u li permezz taghhom inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommetix delitt iehor ta' natura volontarja;
6. Aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula *u dan bi ksur ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-fedina penali tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali li biha din il-Qorti semghet il-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Il-fatti tal-kaz huma fuq allegat tentattiv ta' serq minn garaxx gewwa Triq Reggie Miller, Gzira fl-erbatax (14) ta' April elfejn u hmistax (2015).

Rat l-istqarrija tal-imputat mehuda fis-sbatax (17) ta' April elfejn u hmistax (2015).

**XHIEDA**

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Jonathan Ransley** li spjega kiff ittiehdet l-istqarrija lill-imputat u qal ukoll illi fid-*dashboard* tal-karrozza tal-imputat insabu *tester* u *plier* li meta gie mistoqsi dwarhom l-imputat qal illi dawn kien riedhom sabiex jaghmel xi tiswijiet fil-hanut li kien kera hu stess.

Semghet lil **David Cauchi** illi bhala xhud okulari kien il-persuna li sab lill-imputat fil-garaxx in kwistjoni. Ix-xhieda tieghu hija importanti ghaliex huwa joqghod fl-appartamenti sovrastanti ghal garaxx in kwistjoni liema garaxx

huwa direttament imniffed ma’ dawn l-appartamenti. Huwa jghid illi sema’ hoss tal-bieb ta’ barra jinstabat u meta nizel isfel mill-ewwel sular sab lil persuna li gharaf bhala l-imputat fil-garaxx. Dan jghid illi l-imputat kien qieghed ihawwad fil-karrozza tieghu senjatament fil-bieba tal-passiggier u fuq is-*seat* fejn kien hemm xi borza.

Hu kkompli jghid illi staqsieh x’kien qed jaghmel ifittex fil-karrozza u l-imputat kien qallu li dik il-karrozza kienet tieghu u kien qed ifittex xi haga liz-zija tieghu. Ix-xhud qallu li dik kienet fil-fatt il-karrozza tieghu u ma kienx jiftakar li kien bieghilu.

Huwa mbaghad qallu sabiex imorru jkellmu liz-zija tieghu u fil-pront l-imputat qabad is-salt sabiex johrog’ il barra u hemmhekk bdew jiggieldu fejn ix-xhud irnexxielu izommu u fil-pront l-imputat hareg turnavit mill-but u jghid li dan barxu jew b’dan it-turnavit jew b’idu fuq wiccu u fuq ghonqu.

David Cauchi in kontro ezami jghid illi ma jidhirx li kien hemm sgass la fuq il-bieb ta’ barra tal-komun u l-anqas fil-bieb tal-garaxx.

Xehed ukoll **Raphael Pace** li hu abitanti tal-imsemmi blokk ta’ appartamenti li jghid illi f’xi l-ghaxra ta’ filghodu (10.00am) hu u l-*partner* tieghu hargu bil-

karrozza taghhom mill-garaxx imsemmi u xi siegha wara gew lura u jaraw kommozzjoni ta' nies u karrozzi tal-pulizija. Huwa kkonferma illi dan kien ghalaq il-garaxx bir-*remote control* fil-mument meta hargu minnu.

Semghet li **Elvia Leone Ganado** li tigi is-siehba ta' Raphael Pace li kkonfermat ix-xhieda tal-istess u xehdet li huma hargu il-karrozza mill-imsemmi garaxx filghodu billi fethuh bir-*remote* u hi tiftakar taghlaq l-istess garaxx. Ziedet tghid illi hija ndunat illi nesiet it-telefon cellulari u ghalhekk kellha terga' tiftah il-bieb tal-garaxx biex tpoggi il-karrozza god-*drive* u mbaghad reghhet harget billi reghhet ghalqet il-bieb tal-garaxx bl-istess mod.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-probation officer **Maria Mifsud** fejn din spjegat il-passat legali tal-imputat u d-diversi kazijiet li taghhom instab hati fosthom fuq frodi u serq. L-istess probation officer tghid illi l-imputat kien taht *supervision order* li skada fil-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014) izda fejn dwarha l-imputat ghaddej proceduri ta' denunzja. Tul l-ordni, Mifsud tghid illi meta ma bdietx tara l-ebda kambjament mill-imputat, hija rreferietu ghand psikjatra Dr Joseph Spiteri fejn dan iddjanjozah bhala li jbati minn *psychotic episodes* u li kellu ukoll problema akuta ta' droga. Il-biza' kienet illi jekk meta kien il-*Forensic Ward* gewwa l-isptar Monte Carmeli, il-problema kienet taht kontroll ghaliex kien qed jinghata l-kura, meta johrog l-imputat ma jibqax jiehu tali kura.

Infatti, meta l-imputat hareg minn dan l-isptar, huwa ma baqax jiehu l-kura psikjatrika u l-anqas imur is-Seqda hekk kif kienet qaltlu din ix-xhud u ghalhekk kellha tiddenunzjah li tali denunzja ghadha pendenti.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Glen Borg** fejn min-naha tieghu irrakonta il-verzjoni tieghu tal-fatti. Huwa jghid illi kien telaq minn San Gwann sabiex imur id-Detox gewwa l-Imsida u dan ghal xi raguni ghadda mill-Gzira fejn qabduh il-bzonnijiet tieghu u dahal gol-garaxx imsemmi gewwa Triq Reggie Miller sabiex jaghmel dawn il-bzonnijiet. Huwa jghid illi l-bieb tal-garaxx kien miftuh u ghalhekk dahal hemm. Jghid illi fil-pront nizel ragel fejn staqsieh x'kien qed jaghmel u dan spjegalu x'kien qed jaghmel. L-imputat jghid illi meta dan ir-ragel qabdu sabiex izommu, kien waqt li kien hiereg il-barra u hass ukoll xi haga tal-metall li wara ra li kien turnavit f'idejn dan ir-ragel.

**KOSTATAZZJONIJIET**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien inqabad fil-fatt li jikkommetti reat ta' serq gewwa garaxx fi

56 Triq Reggie Miller, Gzira u fost ohrajn li ma tax rendikont ghall-ghodda li nstabulu fil-garrozza tenut kont illi fil-passat kien instab hati ta' reat ta' serq. L-imputat huwa akkuzat ukoll illi ikkommetta griehi hfief fuq il-persuna ta' David Cauchi u li kien recidiv u li kiser wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mid-digriet tal-helsien mill-arrest.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tisma' id-diversi xhieda okulari l-aktar importanti dik ta' David Cauchi li sab propju lill-imputat ihawwad fil-karrozza tieghu gewwa dan il-garaxx.

Din il-verzjoni tiddipartixxi hafna mill-verzjoni tal-imputat li hija li dahal hemm sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Dak li hu ovvju pero` illi li David Cauchi qabad lill-imputat f'dan il-garaxx u din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temmen il-verzjoni tieghu li l-imputat inqabad ihawwad fil-karrozza ta' Cauchi, tenut kont tal-fatt illi il-verzjoni tal-imputat li ried jaghmel il-bzonnijiet tieghu u dahal f'dan il-garaxx hija wahda immaginattiva ghall-ahhar u ma taghmilx sens. Di piu` l-imputat ma tax spjegazzjoni plawsibbli ghall-fatt li huwa kellu jghaddi mill-Gzira sabiex imur id-Detox gewwa l-Imsida fejn huwa kien telaq minn San Gwann. Kien ikun aktar naturali li minn San Gwann jinzel l-Imsida mill-ewwel sabiex imbaghad jaqbad it-Triq tal-isptar San Luqa.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa kollox immaterjali jekk il-bieb tal-garaxx kien maghluq jew miftuh u dan ghaliex l-imputat ghazel li jaghmel vjolazzjoni ta’ din il-proprjeta` billi jidhol fiha sabiex iwettaq l-iskop li kellu f’mohhu.

Illi pero` ma jirrizultax illi l-aggravji ta’ sgass u ta’ valur gew ippruvati ghaliex ma stabx l-ebda sinjal ta’ sgass fuq il-bibien ikkoncernati u l-anqas gie ddeterminat ezatt x’kien ser jisraq l-imputat. Izda pero` stante illi l-imputat instab gewwa garaxx privat ghandha tapplika l-aggravju tal-post.

Illi a rigward il-griehi subiti mill-parte civile David Cauchi, ghalkemm gie esebit ic-certifikat mediku a fol tlieta u ghoxrin (23) tal-process, dan ma ikkonfermat mit-tabib li kien irrilaxxa dan ic-certifikat u wisq anqas mal-prosekuzzjoni kienet ezentata mid-difiza sabiex tipproducieh.

Illi a rigward ir-reat li l-imputat ma tax kont tal-ghodda li nstabulu fil-karrozza, jinghad illi dan minn dejjem stqarr illi dawn kien riedhom sabiex jaghmel xi xoghlijiet fil-hanut li kien kera u gialadarba din il-verzjoni nghatat mill-ewwel u stante li dan il-hanut verament jezisti, l-elementi ta’ dan ir-reat ma gewx sodisfatti.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda pjuttost voluminuza kif ukoll is-sentenza tal-Qorti fejn huwa kien misjub hati mill-Magistrat Carol Peralta fit-tlieta (3) ta’ Lulju elfejn u tnax (2012) (Dok JR2) u ghalhekk ghandha tapplika ir-recidiva.

Il-Qorti qed tinnota pero` li minn imkien fl-atti ta’ dawn il-proceduri ma gew ipprezentati il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imsemmija fil-hames (5) akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 41 (1) (a), 261 (e), 269 (g), 281 (a) u 28B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **Glen Borg** hati biss tal ewwel (1), ir-raba’ (4) u s-sitt (6) akkuzi u tikkundannah piena ta’ prigunerija effettiva ta’ ghaxar (10) xhur ghall-akkuzi wiehed (1) u sitta (6) u in kwantu ghar-raba’ (4) akkuza tordna li l-perjodu operattiv tas-sentenza tal-Magistrat Carol Peralta datata tlieta (3) ta’ Lulju elfejn u tnax (2012) jerga’ jibqa jiddekorri mill-gdid, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------